



Brussell, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10146/19

COHOM 75
COPS 184
DEVGEN 120
FREMP 84
CFSP/PESC 466
RELEX 598

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	9786/19 COHOM 65 COPS 169 DEVGEN 113 FREMP 76 CFSP/PESC 430 RELEX 560 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Ilma tax-Xorb Sikur u s-Sanità

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Ilma tax-Xorb Sikur u s-Sanità adottati mill-Kunsill fit-3700 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Ġunju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar**il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Ilma tax-Xorb Sikur u s-Sanità**

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE lejn l-għan u l-prinċipji tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem li tapplika għall-bnedmin kollha mingħajr distinzjoni ta' ebda tip, kif ukoll għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet kollha tal-bniedem, kemm jekk ċivili u politiċi, kif ukoll jekk ekonomiċi, soċjali u kulturali.
2. Filwaqt li jżomm f'moħħu li d-drittijiet kollha tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, il-Kunsill ifakkar fl-Artikolu 11 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR) li jintitola lil kulħadd għal livell ta' għajxien adegwat, u li l-Assemblea Ġenerali tan-NU tirrikonoxxi d-drittijiet tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-impenn tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" u b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 dwar "L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd".
3. Dawn il-Linji Gwida jirrispondu għall-impenn fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019) biex titrawwem aġenda komprensiva li tippromwovi d-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali. Dawn il-linji gwida jirrappreżentaw pass importanti fit-twettiq ta' din l-aġenda billi jiżguraw it-twettiq progressiv tad-drittijiet tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità għal kulħadd.
4. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija fil-Qasam tal-Ilma adottati fid-19 ta' Novembru 2018, li jirrikonoxxu li d-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur jintitola lil kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni, li jkollu aċċess għal ilma suffiċjenti, sikur, aċċettabbli, aċċessibbli fiżikament u affordabbli għall-użu personali u domestiku u d-dritt tal-bniedem għas-sanità li jintitola lil kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni, li jkollu aċċess fiżiku u affordabbli għas-sanità fl-isferi kollha fil-ħajja, li huwa sikur, iġjeniku, sigur, soċjalment u kulturalment aċċettabbli u li jipprovdi l-privatezza u jiżgura d-dinjità. Bħala parti minn dan l-impenn, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw u jipproteġu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jiġġieldu sabiex dawn id-drittijiet jiġu realizzati.

5. Dawn il-Linji Gwida jaffer maw mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjoni, fil-ħidma u fil-politiki kollha tal-UE, inkluż permezz tal-implimentazzjoni koerenti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, biex jiġi żgurat li d-drittijiet u l-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet jiġu ssodisfati. Dawn il-Linji Gwida jappoġġaw ukoll l-Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet tal-UE, b'mod partikolari fl-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli.
6. Il-Kunsill b'dan japprova l-Linji Gwida b'rabta mal-Ilma tax-Xorb Sikur u s-Sanità. Il-Linji Gwida jagħtu gwida dwar kif tintuża l-firxa wiesgħa ta' strumenti u għodod ta' politika barranija tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għal ilma tax-xorb sikur u s-sanità. It-tħaddim effettiv tal-Linji Gwida ser jitwettaq b'mod konġunt mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-Linji Gwida ser jiġu disseminati b'mod estensiv u b'mod aċċessibbli. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) ser jappoġġa l-implimentazzjoni filwaqt li, meta jkun xieraq, jinvolvi gruppi ta' ħidma oħra tal-Kunsill.
